MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 380/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Kelly Down Trading & Marketing Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta’ gunju tas-sena 2005 li permezz tieghu s-socjeta’ attrici sejhet lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf sitt mija u erbgha u sittin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM1,664.52,0), rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni ma’ servizzi

telefonici bin-numri 21318484, 21345778 u 21376411, (AT 6095/90 – AC 10102317, 10091333 u 10124743);

2. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u blimghaxijiet kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici datata t-2 ta’ Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha irriduciet it-talbaghal elf erba’ mija u erba’ u sittin Lira Maltin, u tnejn u hamsin centezmu, (LM1,464.52,0), stante pagament akkont mis-socjeta’ konvenuta;

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta ukoll datata t-2 ta’ Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha ammettiet it-talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta;

Ghaldaqstant din il-qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Kelly Down Trading & Marketing Company Limited thallas l-ammont ta’ elf erba’ mija u erba’ u sittin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu, (LM1,464.52,0), lis-socjeta’ attrici Maltacom plc, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti skond il-ligi.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------